**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2019**

**Talba Nru: 222/19 CZ**

**GO p.l.c. (C 22334)**

**vs.**

**Kersty Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 t'Awwissu 2019 fejn premettiet:

Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u tletin Eurou sebgha u sittin centezmu (€732.67) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40498729.

Illi interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficcjali bir-referenza 1462/18, u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

It-Tribunal;

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenuta, debitament assistita mill-Avukat tal-fiducja taghha, fl-udjenza tal-lum.

Ra l-atti kollha.

Ra li l-kawza giet posposta ghal-lum ghas-sentenza.

Fuq ammissjoni tal-konvenuta jilqa' t-talbiet attrici, u jordna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u tletin Euro u sebgha u sittin centezmu (€732.67), flimkien mal-imghax kif mitlub, sad-data tal-hlas effettiv.
L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur